**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 164/2020 RM**

**L-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil**

**-Vs-**

**Ir-Reġistratur tal-Qorti**

**Illum, 29 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Avukat Joseph Ellis u mill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil a tenur tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie premess u mitlub:-

*"Illi huma assistew lir-rikorrenti fil-proċeduri kostituzzjonali Rikors Numru 82/15 MH fl-ismijiet Mario Cachia et v. Supermarkets (1960) Limited et li ġew deċiżi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Jannar 2020 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020.*

*Illi l-intimat Reġistratur irrilaxxa t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tar-rikorrenti fil-kawża sureferita fl-4 ta' Awwissu 2020 hawn allegata bħala Dok "A" fl-ammont ta' €7,423,62 u dan għaż-żewġ istanzi.*

*Illi fl-esponenti jidhrilhom illi dina t-taxxa hija żbaljata fir-rigward ta' bosta vuċijiet u għandha tiġi riformata u dan għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Fl-ewwel lok, fir-rigward tan-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fl-4 ta' Frar 2019,k ir-Reġistratur kellu jintaxxaha skond il-massimu peress mill-artikolu 1(ċ) tat-Tarriffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12 u cioe' €232.94 meta dina kienet nota kumplessa ta' 29 paġna mimlija referenzi ġurisprudenzjali u li fiha r-rikorrenti ssottomettew kalkolu ta' riżarċiment ta' €2,860.000. Madanakollu, ir-Reġistratur dejjem jintaxxa n-noti bl-istess mod irripettivament min-natura tan-nota u juri xeħħa kbira b'differenza mill-id wisgħa li dejjem juri meta jintaxxa d-dritt tal-perit tekniku fejn bosta drabi jintaxxa aktar mill-massimu permess mil-Liġi.*

2. *Fit-tieni lok, mentri fir-rigward tad-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali tas-sentenza tal-prim'istanza, jidher illi r-Reġistratur intaxxa ad valorem fuq l-ammont ta' danni li ngħata ta' €100,000 u ntaxxa ukoll it-talbiet l-oħra tar-rikorrenti bħala punt ta' liġi u għaldaqstant, intaxxa dritt ta' €1,947.40 u €649.13 rispettivament, meta ġie biex jintaxxa d-dritt tal-appell arbitrarjament u bla ebda bażi fil-liġi, qabad u ntaxxa dritt tal-avukat u al-prokuratur legali ta' €400 u €133.33 rispettivament fir-rigward tal-appell tar-rikorrent Mario Cachia et, ta' €320 u €106.67 fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat u ta' €200 u ta' €66.67 fir-rigward tal-appell ċedut tas-soċjeta' Supermarkets (1962) Ltd.*

   *Illi fir-rigward tar-rikors ta' Mario Cachia et, dan kellu jiġi ntaxxat fuq l-ammont ottenut ta' €250,000 b'żieda ta' terz minħabba illi si tratta minn appell. Imma r-Reġistratur arbitrarjament injora kompletament id-dispositiv tal-Liġi.*
   *Illi fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat, peress illi dan ma ntlaqax u peress illi l-ammont in disputa kien ta' €2,860.000, dan ir-rikors kellu jiġi ntaxxat skond il-ġurisprudenza fuq l-ammont imsemmi in disputa jew fl-agħar*

*ipotesi fuq l-ammont ottenut fil-prim'istanza ta' €100,000 b'żieda ta' terz minħabba li si tratta minn appell.*

*Illi l-istess raġuntament japplika fir-rigward tal-appell ċeduta tas-socjeta' Suparmarkets (1962) Ltd. bi tnaqqis peress illi l-appell ġie ċedut.*

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru 2020 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lil kull min għandu interess b'terminu ta' għoxrin ġurnata għar-risposta;

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-Avukat tal-Istat fid-19 ta' Ottubru 2020;

1. *Illi l-esponenti għandu interess li jirrispondi għat-talba tar-rikorrenti sabiex tiġi riformata t-taxxa ufficjali ad-drittijiet u spejjeż relatati mal-proċeduri kostituzzjonali Nru; 82/15/1, fl-ismijiet ' Mario Cachia et vs Supermarkets (1960) Limited u l-Avukat Generali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' lulju 2020. Dan għaliex f'dawk il-proċeduri, l-esponenti bħala intimat ġie kkundannat li jħallas 4/5 tal-ispejjeż tal-Ewwel Qorti u 80% tal-ispejjeż relatati mal-proċeduri tal-appell. Kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tinsab tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala '**Dokument AS1';***
*Illi għalhekk, l-esponeneti jibda biex qabel xejn jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex issewwi l-okkju ta' dawn il-proċeduri, b'dan illi l-Avukat tal-Istat jiġi inkluż bħala intimat fl-istess okkju;*

2. *B'żieda ma' dan u fuq **livell preliminari, l-esponeneti jeċepixxi n-nuqqas ta' integrita tal-ġudizzju** u dan għaliex ir-rikkorenti naqsu milli jdaħħlu bħala parti f'dawn il-proċeduri lil Mario Cachia, Ines Borg, Joe Borg , Godwin Borg, Margaret Borg, Louise Busuttil, Emma Grech, Joe Grech, Alfred Grech, Doreen Busuttil, Carmen Bajada , Nathalie Grech, Steve Cachia u Carmen Wareing ,ilkoll atturi fil-proċeduri kostituzzjonali nferuti fl-ewwel paragrafu ta' din ir- risposta. Mhux biss ir-rikorrenti għażlu li ma jdaħħlux lill-atturi msemmija bħala parti f'dawn il-proċeduri, <u>izda wkoll naqsu milli</u>*

*jinnotifikawhom bir-rikors,* *u dan bi ksur ċar ta' dak li jipprovdi* ***l-artikolu 64 (2) tal-kapitolu 12*** *tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-interess tal-persuni msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan huwa wieħed attwali u dirett, u dan għaliex fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet "Mario Cachia et vs. Supermarkets (1960) Limited u l-Avukat Generali", l-atturi f'dawk il-proċeduri ġew ikkundannati sabiex iħallsu 1/5 tal-ispejjeż tal-Ewwel Qorti, kif ukoll 20% tal-ispejjeż relatati mal-proċeduri tal-appell. illi għalhekk il-ġudizzju f' dawn il-proċeduri ma jista' jkun qatt integru jekk il-persuni msemmija ma jiddaħħlux f; dawn il-proċeduri;*

3. *Bla ħsara għal dak premess,* ***it-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż in mertu tar-rikors odjern u dan biss sa fejn jirrigwardja l-partijiet lamentati mir-rikorrenti odjern u dan biss sa fejn jirrigwardja l-partijiet lamentati mir-rikorrenti*** *u cioe' (i) l-intaxxar tan-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti fl-4 ta ' Frar 2019; u (i) l-intaxxar tad-drittijiet tal-appelli;* ***gew ikkomputati b'mod korett mill-intimat Reġistratur tal-Qorti (Malta);***

*Illi dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, il-valur ta' €139.76 fir-rigward tan- nota ta ' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti fl-4 ta' Frar 2019 ġie intaxxat fil-parametri ta ' dak li jipprovdi* ***regolament 1(ċ) ta' Tariffa E ta' Skeda A*** *tal-Kap 12 tal- Liġijiet ta' Malta. Bla ħsara għall-fatt li hija fid-diskrezzjoni tal- intimat Reġistratur tal-Qorti li jagħżel l-ammont li jiġi ntaxxat fil-parametri li tipprovdi l-liġi, minn kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din l-kawża, hija prassi li fi proċeduri kostituzzjonali r-Reġistratur jintaxxa l-ammont ta' €139.76. Bħar-rikorrenti, l-esponenti wkoll f'dawk il-proċeduri ppreżentaw nota ferm dettaljata u b'bosta referenzi lejn il-gurisprudenza, iżda wkoll ġie ntaxxat id-dritt ta' €139.76;*

*Fit-tieni lok fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti rigward il-komputazzjoni tat-taxxa relatata mal-proċeduri ta' appell, jiġi eċċepit illi l-argument tar-rikorrenti li l-intimat Reġistratur intaxxa d-drittijiet tal-appell "arbitrarjament u mingħajr bażi fil-liġi" huwa infondat għal kollox, u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati f'din ir-risposta u minn kif ser jintwera fit -trattazjoni ta' din il-*

*kawża;*

*Rigward it-taxxa relatata mal-proċeduri tal-appell , ir-rikorrenti jilmentaw illi;*

i. *fir-rigward tal-appell ta' Mario Cachia et, dan kellu jiġi maħdum fuq l-ammont ta' €250,000 mogħti fis-sentenza, b'żieda b'terz minħabba li huwa appell;*

ii. *Fir-rigward tal-appell tal-esponenti, ir-rikors kellu jiġi intaxxat fuq l-ammont ikkontestat li skond ir-rikorrenti kien €2,860,000.00 jew fl-agħar xenarju fuq l-ammont ordnat mill- Ewwel Qorti, b'żieda b' terz minħabba li jikkonċerna appell ; u*

iii. *L-istess ilment japplika fir-rigward tal-appell ċedut mis-soċjeta' Supermarkets (1962) Ltd bi tnaqqis peress li l-appell ġie ċedut;*

*B'kull rispett jigi dovut lejn ir-rikorrenti, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-intaxxar tal-proċeduri tal-appell, huwa totalment infondati u żbaljati u dan għaliex skont Paragrafu 15(b) ta' Tarrifa E ta' Skeda A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull sentenza definittiva minn proċeduri kostituzzjonali li fihom jintalab rimedju taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ma tiġix intaxxata ad valorem iżda għandha tiġi intaxxata bi dritt li jvarja minn €46.59 sa €698.81;*

*Minn kif jista' jiġi vverifikat minn 'Dokument AS1' li huwa kopja informali tas-sentenza fl-ismijiet "Mario Cachia et vs. Supermarkets (1960) Limited u l-Avukat Generali" (App.82/15/1), il-proċeduri li minnhom inħarġet it-taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri, kienu jikkonċernaw talba għal rimedju taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u xejn aktar;*

*Illi jekk wieħed ikollu jagħmel referenza lejn 'Dokument A' ppreżentat mar-rikors promotur u li huwa kopja tat-taxxa maħruġa mill-intimat Reġistratur, jidher illi fir-rigward tal-proċeduri tal-appell, ir-Reġistratur kien korrett meta intaxxa l-ammonti ta' €320.00, €200.00 u €400.00 rispettivament. Dan qiegħed jingħad għaliex minn kif tista' tivverifika din l-Qorti, talli ammonti jaqgħu fil-*

*parametri li tipprovdi għalihom il-liġi (**Tariffa E ta' Skeda A** tal-Kap 12);*

*Illi għalhekk jirriżulta li kemm id-drittijiet li jirrigwardjaw in-nota ta ' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti fl-4 ta' Frar 2019, kif ukoll id-drittijiet relatati mal-proċeduri tal-appell ġew komputati b'mod korett u skond il-ligi.*

*4. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikkorenti għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

*5. Finalment u bla ħsara għal dak premess jiġi espost li f'kull każ, ikun xi jkun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti Avukat tal-Istat ma' għandu qatt ibati l-ispejjeż relatati ma' dawn il-proċeduri u dan għaliex it-taxxa kontestata mir-rikorrenti ma ġietx maħduma minnu iżda mill-intimat .Reġistratur tal-Qorti (Malta)*

*Salv eċċezjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi u bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ppreżentat fid-19 ta' Ottubru 2020;

1. *Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap 12 maghmula mir-rikorrenti li kienu jidhru bhala difensuri tar-rikorrenti fil-kawza bin-numru 82/2015 fl-ismijiet Mario Cachia et vs Supermarkets (1960) Ltd et. Deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020;*

2. *Illi l-esponenti qed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti ghaliex huma infondati fid-dritt u fil-fatt*

.

3. *Illi fl-ewwel lok preliminarjament jingad illi ai termini tal-artikolu 64(2) tal-Kap 12 kellhom jigu ukoll kjamati in kawza il-partijiet kollha interessati fil-proceduri mertu tat-taxxa attakkata, li ma sarx u kwindi din il-procedura hija*

*monka.*

4. *Illi fil-meritu u bla pregudizzju jinghad illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;*

5. *Illi t-taxxa attakkata giet mahduma fl-4 ta' Awwissu 2020 u r-rikorrenti akkwista kopja taghha fl-istess jum li huwa pprezenta r-rikors odjern u cjoe' fit-3 ta' Settembru 2020.*

6. *Illi l-ewwel aggravju li huwa jressaq huwa dwar l-intaxxar tan-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata fl-4 ta Frar 2019 billi huwa jsemmi li din giet intaxxata €139.76 jinghad li l-paragrafu 1(c) tat-Tarrifa E annessa mal-Kodici tal-Procedura (Kap 12) jirregola l-hlas tad-dritt tal-avukat ghal tali nota li jvarja minn €46.59 sa €232.94. Wiehed jifhem li meta jkun hemm differenza bejn l-anqas u l-aktar li wiehed jista' jaghti, wiehed ikun irid li jinghata l-oghola dritt. Izda tajjeb li jinghad li f'dan il-kaz ghal din in-nota inghata aktar minn nofs id-differenza.*

7. *Illi dwar it-tieni aggravju li jittratta dwar l-intaxxar tad-dritt tal-avukat fuq id-domandi, ir-rikorrenti qed jippretendi li din il-kawza, li hija kawza kovenzjonali, tigi ntaxxata ad valorem. Dan mhux possibli stante li l-kawzi ta' dan it-tip huma intaxxati skont il-para. 15(b) tat-Tarriffa E gja fuq imsemmija: "ghal kull sentenza definittiva f'kawza ghal rimedju li ssir taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taht il-Kapitolu 319….minn €46.59 sa €698.81"*

8. *Illi dan ifisser li kull sentenza li tinghata dwar kwestjoni li johorgu mill-legislazzjoni sudetta irrispettivament minn jekk ir-rimedju kienx ammont ta' flus jew rimedju iehor, din il-kawza tigi intaxxata fl-ammonti indikata fl-istess para. 15(b).*

9. *Illi kien hemm aktar minn appell wiehed f'dik il-kawza ghaliex it-tlieta partijiet*

*involuti lkoll appellaw – appell tal-Avukat tal-Istat, appell ta' Supermarkets (1960) Ltd u appell ta' Mario Cachia et. L-appell ta' Supermarkets (1960) Ltd gie cedut filwaqt li dak ta' Mario Cachia et gie cedut fil-konfront ta' Supermarkets (1960) Ltd peress li ma kien ghad baqalhom ebda pretensjoni fil-konfront tas-socjeta intimata u nzamm ferm kontra l-Avukat tal-Istat. Kien ghalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ttrattat l-appell tal-Avukat tal-Istat u l-appell ta' Mario Cachia et fil-konfronti tal-Avukat tal-Istat*

10. *Illi d-deputat tal-Qorti tal-Appell intaxxa d-dritt ghal kull appell skont il-para 15(b) fuq imsemmi b'dan li applika l-para. 29 tat-Tariffa E fir-rigward tal-appell ta' Supermarkets (1960) Ltd peress li gie cedut.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*
*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat id-digriet mogħti minnha fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020 b'ordni li jiġu notifikati bir-rikors promotur, Mario Cachia, Ines Borg, Joe Borg, Godwin Borg, Margaret Borg, Louise Busuttil, Emma Grech, Joe Grech, Alfred Grech, Doreen Busuttil, Carmen Bajada, Nathalie Grech, Steve Cachia u Carmen Wareing, ilkoll atturi fil-proċeduri ġudizzjarji li dwarhom inħarġet it-taxxa impunjata f'dawn il-proċeduri odjerni, liema persuni ngħataw żmien għoxrin ġurnata biex iwieġbu;

Rat l-ordni tagħha mogħti fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021 sabiex jiġu allegati l-atti tal-proċess bin-numru 82/2015 MH fl-ismijiet '**Mario Cachia et v. Supermarkets (1960) Limited et**';

Rat id-digriet mogħti minnha fl-14 ta' Ottubru 2021 fejn ġie ordnat illi l-persuni fuq indikati jiġu notifikati bir-rikors promotur u l-avviż tas-smigħ b'indikazzjoni ċara fiċ-ċertifikat tal-eżekuzzjoni, dwar min ikun ġie effettivament notifikat, liema ordni swiet ukoll bħala ordni mogħtija għall-finijiet tal-artikolu 963(3) tal-Kap. 12 u dan sabiex il-proċeduri jingħaqlu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat li l-kawża tmur

deżerta minħabba xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalita';

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-28 ta' Frar 2022 fejn iddikjarat il-kawża deżerta;

Rat id-digriet mogħti fl-20 ta' Mejju 2022 fejn ċaħdet l-ewwel talba tar-rikorrenti fir-rikors tagħhom tas-7 ta' Marzu 2022;

Rat id-digriet mogħti fit-3 ta' Marzu 2023 fejn laqgħet it-tieni talba tar-rikorrenti fir-rikors tagħhom tas-7 ta' Marzu 2022 u revokat *contrario imperio* l-ordni tagħha mogħti waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2022 u laqgħet ukoll it-tielet talba fir-rikors u *inter alia* riappuntat ir-rikors għall-prosegwiment tas-smigħ tiegħu;

Rat illi l-partijiet kollha interessati ġew notifikati bir-rikors;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2023 fejn l-istadju tal-provi ġie dikjarat magħluq definittivament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentat in ottemperanza mad-digriet mogħti fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mir-rikorrenti fis-16 ta' Jannar 2024, liema nota ġiet ammessa fl-atti b'digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2024;

Rat illi r-rikors kien imħolli għal-lum biex jiġi deċiż finalment;

Ikkunsidrat;

Illi din hija 'l hekk imsejħa azzjoni għal ritassa msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(1) tal-Kap. 12. Dawn jipprovdu illi l-azzjoni biex jiġu attakkati l-ispejjeż ġudizzjarji li jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu,

għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż għandhom xahar biex jippreżentaw rikors għall-impunjazzjoni tat-taxxa li jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa. Fil-każ in diżamina, il-Qorti fehmet illi huma r-rikorrenti, li huma l-avukat u l-prokuratur legali tar-rikorrenti fil-kawża Rikors Numru 82/2015 MH fl-ismijiet **Mario Cachia et v. Supermarkets (1960) Limited et**, li qegħdin jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż.

Fil-fatt, fil-proċeduri li dwarhom inħarġet it-taxxa impunjata fit-3 ta' Settembru 2020, liema proċeduri ġew deċiżi in prim'istanza tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Jannar 2020, il-patroċinati tar-rikorrenti, ċioe' Mario Cachia et, ġew ordnati jħallsu biss sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) tal-ispejjeż ġudizzjarji, filwaqt li l-Avukat Ġenerali ġie kkundannat iħallas is-sehem rimanenti ta' erbgħa minn ħamsa (4/5), liema ripartizzjoni ta' spejjeż ġiet affermata mill-Qorti Kostitizzjonali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Lulju 2020.

Mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Jannar 2020 interponew appell sija r-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, Mario Cachia et, u kif ukoll l-intimat l-Avukat Ġenerali u s-soċjeta' intimata Supermarkets (1960) Limited. Wara li l-ewwel aggravju tal-imsemmija rikorrenti ġie ċedut, l-appell tagħhom ġie milqugħ limitatament għat-tieni aggravju u l-Qorti Kostituzzjonali żiedet il-kumpens li kien ġie likwidat in prim'istanza favur tagħhom, mis-somma ta' €100,000 għas-somma ta' €250,000, filwaqt li l-appell tal-Avukat tal-Istat ġie miċħud *in toto*. L-ispejjeż tat-tieni istanza ġew ripartiti billi tmenin fil-mija (80%) tal-ispejjeż relatati mal-appell tar-rikorrenti Mario Cachia et, ġew ordnati jitħallsu mill-Avukat tal-Istat u in kwantu għas-sehem rimanenti ta' għoxrin fil-mija (20%) dawn kellhom jitħallsu mir-rikorrenti Mario Cachia et.

Ir-rikorrenti odjerni, Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busutti, qegħdin jimpunjaw b'kollox erba' partiti ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji kif intaxxati mir-Reġsitratur tal-Qorti fit-taxxa minnu rilaxxata fit-3 ta' Settembru 2020:-

1. Id-dritt intaxxat għan-nota ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentat għar-rikorrenti fil-kawża in prim'istanza, fis-somma ta' €139.76 u fis-somma ta' €46.59 in kwantu d-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali rispettivament;
2. Id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-somma ta' €400 u €133.33 fir-rigward tal-appell ta' Mario Cachia et f'dawk il-proċeduri;
3. Id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-somma ta' €320 u €106.67 fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat li ġie miċħud *in toto*;
4. Id-dritt tal-avukat u tal-prokatur legali fis-somma ta' €200 u €66.67 fir-rigward tal-appell ċedut tas-soċjeta' Supermarkets (1960) Limited.

L-intimati Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat tal-Istat jisħqu li t-taxxa hawn impunjata, ġiet maħduma korrettement.

**<u>Dritt tan-nota ta' sottomissjonijiet</u>**

Ir-rikorrenti odjerni jargomentaw illi n-nota ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet waħda dettalljata u studjata mogħnija b'riferenzi għal każistika u għalhekk, ma kienx jistħoqq illi r-Reġistratur intaxxa d-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali fuq din in-nota fis-somma ta' €139.76 u €46.59.

Ir-regolament 1(ċ) tat-Tariffa E tal-Kap. 12 jiddisponi illi għal kull nota ta' osservazzjonijiet preżentata f'xi qorti, id-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali (u Kuraturi *ex officio*) huwa intaxxabbli bir-rata minn €46.59 sa €232.90. Evidentement, ir-Reġistratur għandu diskrezzjoni fl-intaxxar tad-dritt u l-Qorti tqis li ma għandhiex tindaħal u tissindika l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni sakemm ma jirriżultax li ma ġiex eżerċitat kif imiss jew skont id-dettami tal-liġi. M'għandux ikun li l-Qorti timpunja d-diskrezzjoni tar-Reġistrar kif ġieb u laħaq u żgur mhux minħabba n-nuqqas ta' qbil ta' waħda mill-partijiet mad-deċiżjoni tar-Reġsitratur.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti u huwa minnu li fiha tnejn u tletin paġna u l-materja kienet waħda kumplessa dwar proprjeta' b'valur sostanzjali sitwata f'żona ewlenija kummerċjali u turistika. Taqbel għalhekk li din in-nota timmerita li tiġi intaxxata fi dritt li jissupera l-minimum kif fil-fatt ġie intaxxat. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi d-dritt ġie intaxxat huwa baxx wisq għaliex jirriżulta illi mad-dritt fil-minimum ta' €46.59, ir-Reġistratur żied nofs id-differenza bejn il-massimu u l-minimum li jfisser illi d-dritt ġie intaxxat f'somma iktar min-nofs tad-dritt massimu - l-istess ammont li li ġew intaxxati wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Avukat Ġenerali u mill-intimata Supermarkets (1960) Limited li wkoll jidher li kienu noti dettalljati u riċerkati. Fiċ-ċirkostanzi, għalkemm ir-Reġistratur ma intaxxax id-dritt skont l-ogħla tariffa, ma jirriżultax u l-Qorti ma taqbilx illi r-Reġsitratur uża d-diskrezzjoni tiegħu fl-intaxxar tad-drittijiet fuq in-nota ta' sottomissjonijiet, b'mod ħazin jew b'abbuż tas-setgħat tiegħu.

Għandu jingħad ukoll illi kieku l-leġislatur tassew ried illi jiġi intaxxat il-massimu tad-dritt f'każijiet fejn it-tħejjija tan-nota tkun talbet aktar xogħol minn dak ordinarjament meħtieġ, dan kien jgħidu espressament bl-istess mod li pprovda għal dan fil-każ tal-atti msemmija fir-regolament 3 tat-Tariffa E.

Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti safejn tikkonċerna d-dritt fuq in-nota ta' sottomissjonijiet in prim'istanza, qed tiġi miċħuda.

**<u>Drittijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq id-diversi rikors tal-appell</u>**

Ir-rikorrenti jattakkaw it-taxxa wkoll safejn ir-Reġistratur intaxxa d-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Lulju 2020 fis-somma ta' €400 u €133.33 fuq ir-rikors tal-appell ta' Mario Cachia et, fis-somma ta' €320 u €106.67 in kwantu r-rikors tal-appell tal-Avukat tal-Istat, u fis-somma ta' €200 u €66.67 fir-rigward tal-appell ċedut tas-soċjeta' Supermarkets (1960) Limited. Isostnu illi dan l-intaxxar sar ħażin għaliex id-drittijiet ġew intaxxati bħala punt ta' dritt bit-tariffa taħt ir-regolament 15 tat-Tariffa E, meta dawn kellhom jiġu intaxxati

*ad valorem* bl-applikazzjoni tat-tariffa taħt ir-regolament 13 u 14 tal-istess Tariffa E fuq il-kumpens likwidat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-somma ta' €250,000 b'żieda ta' terz taħt ir-regolament 38 tat-Tariffa E.

In sostenn ta' dan il-preġudizzjali, ir-rikorrenti jirriferu għall-fatt illi d-dritt tagħhom tas-sentenza in prim'istanza kien ġie intaxxat *ad valorem* fis-somma ta' €1,947.40 u €649.13 u mhux bħala punt ta' liġi u għalhekk, ir-Reġistratur kellu jimxi bl-istess kejl meta ġie biex jaħdem id-dritt tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

In kwantu għad-dritt tas-sentenza fuq ir-rikors tal-appell tal-Avukat tal-Istat u fuq ir-rikors tal-appell ta' Supermarkets (1960) Limited, liema rikorsi ġew miċħuda u ċeduti rispettivament, jikkontendu illi d-drittijiet tas-sentenza kellhom jiġu intaxxati fuq is-somma ta' €2,860,000 li kien l-ammont in disputa, jew fl-agħar ipotesi fuq is-somma ta' €100,000 li kien ġie likwidat bħala kumpens mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'żieda ta' terz minħabba r-regolament 38 tat-Tariffa E, filwaqt illi in kwantu r-rikors tal-appell tal-kumpannija, id-dritt kellu jinħadem ukoll skont ir-regolamenti 28 sa 31 tal-istess Tariffa E minħabba li r-rikors tal-appell ġie ċedut.

Ir-Reġistratur tal-Qorti kif ukoll l-Avukat tal-Istat laqgħu għal dan l-aspett tal-azzjoni billi jsostnu illi r-Reġistratur tal-Qorti kien korrett meta ma intaxxax id-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 13 u 14 tat-Tariffa E, u kien korrett ukoll fejn applika r-regolament 15 tal-istess Tariffa E. Ġie sottomess ukoll illi s-sentenza li dwarhom ġew intaxxati d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali fit-taxxa li qed tiġi impunjata f'dan il-proċediment, ingħatat f'kawża għal rimedju li saret taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant, ir-Reġistratur kien marbut li japplika t-tariffa stipolat fir-regolament 15(b) tat-Tariffa E.

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. et vs Reġistratur tal-Qrati u Direttur Ġenerali et** intqal li:

"*... huwa stabbilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma mhijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talgba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju mhuwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni.*

*Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni "ad valorem" hija bbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir abbażi ta' dikjarazzjoni;*"

Fil-fatt, huwa paċifikatament ritenut illi għall-fini ta' intaxxar ta' spejjeż ġudizzjarji, sabiex wieħed iqis jekk it-talba li tkun saret fil-kawża li dwarha trid tinħadem it-taxxa, twassalx għal dan l-imsemmi passaġġ ta' flus jew fondi jew trasferiment ta' proprjeta` kif hawn fuq imfisser, b'"*talba*" wieħed għandu jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Dan ifisser illi meta mill-hekk imsejħa massa litiġjuża, ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni għandha ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata.

Il-prinċipju illi l-valur tal-proċess jista' jigi stabbilit mhux biss mill-att promotur tal-kawża imma minn kull tagħrif jew prova li jinsab fl-atti, jinsab assodat minn dak li kkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Frances sive**

**Franca Camilleri vs Direttur Qrati, Tribunali ta' Malta noe et**[1] fejn qalet hekk in propositu:-

"*Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata ad valorem jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew mill-proċess"*[2] *... Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti*;

Effettivament, l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li saret referenza għalih fis-sentenza appena ċitata, jiddisponi li:-

"*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi* ***jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*" [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tibda biex tosserva illi meta l-preġudizzjali sollevat mir-rikorrenti odjerni fir-rikors tagħhom, jiġi mistħarreġ limitatament mill-ottika u bil-kejl uniku tar-regolament 14, li jagħmel referenza għar-regolament 13, tat-Tariffa E, dan l-argoment huwa validu u siewi u r-rikorrenti għandhom raġun meta jasserixxu illi s-sentenza fil-kawża **Mario Cachia et vs. Supermarkets (1960) Limited et**, fiha deċiżjoni li għandha x'taqsam ma' valur determinat u konsegwentement, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni kellu jiġi intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur likwidat u stabbilit mill-Qorti fiż-żewġ istanzi.

Dan qed jingħad għaliex minn eżami tar-Rikors promotur tal-proċess ġudizzjarju tar-Rikors Numru 85/15 MH fl-ismijiet **Mario Cachia et v. Supermarkets (1960)**

[1] 1 Deciza 1 ta' Lulju 2013.
[2] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12

**Limited et**, jirriżulta illi r-rikorrenti Mario Cachia et talbu mhux biss dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali ('il-Konvenzjoni'), dikjarazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 107 tat-TFUE[3] u dikjarazzjoni dwar drittijiet marbuta mal-kirja tal-fond mikri lis-soċjeta' Supermarkets (1960) Limited, iżda talbu wkoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni morali u materjali sofferti minnhom b'riżultat tal-ksur u leżjonijiet allegati.

Meta għal dan l-isfond ta' fatti ġuridiċi jiġi applikat l-insenjament ċitat iktar qabel f'din is-sentenza, jirriżulta illi l-qofol tal-kwistjoni mqanqla u deċiża bil-proċess ġudizzjarju tar-Rikors Numru 85/15 MH fl-ismijiet **Mario Cachia et v. Supermarkets (1960) Limited et**, m'huwiex identifikabbli biss fil-ksur u leżjoni ta' drittijiet fondamentali b'riżultat tat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 u l-Kap. 69 safejn jolqtu t-tiġdid tal-kirja tal-fond mertu tal-kawża, iżda huwa identifikabbli wkoll fid-danni sofferti b'riżultat tat-tħaddim ta' dawn il-liġijiet fir-rigward tal-kirja tal-istess fond. Fil-fatt, it-talbiet tar-rikorrenti Mario Cachia et għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni ġew milqugħa, u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar 2020, likwidat id-danni fis-somma ta' €100,000 u kkundannat lill-Avukat tal-Istat għall-ħlas ta' din is-somma. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Lulju 2020, ma qablitx mal-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' €100,000 u ddeċidiet illi l-ammont tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'effett tal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom għandu jkun ogħla u likwidat is-somma ta' €250,000, pagabbli lir-rikorrenti mill-Avukat tal-Istat.

Billi bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Jannar 2020, il-kawża ġiet terminata, ir-Registratur kien marbut li jaħdem taxxa li tolqot u tiehu in konsiderazzjoni l-meritu kollu u t-talbiet kollha tal-kawza[4]. Fil-fehma tal-Qorti, meta f'din is-sentenza id-danni mitluba mir-rikorrenti ġew likwidati fis-somma ta' €100,000 abbażi tal-valur lokatizzju tal-fond mikri għas-snin 1991 sa 2016, kif stmat

[3] Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[4] **Catherine Galea vs Registratur tal-Qrati**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003

mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti nnifisha, dan ma jistax ħlief ifisser illi f'din il-kawża ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt li għandha evidentement x'taqsam ma' valur determinat mill-proċess u għalhekk id-drittijiet relattivament għal dik id-deċiżjoni jkunu intaxxati skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

**Madanakollu, dan kollu jista' jgħodd biss jekk wieħed iwarrab għal kollox id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(b) tat-Tariffa E, ċitati mill-intimat u mill-Avukat tal-Istat. Dan jiddisponi li "*għal kull sentenza definittiva f'kawża għal rimedju li ssir taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taħt il-Kapitolu 319*", id-dritt intaxxabbli jkun bejn €46.59 u €698.81.**

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-kawża bir-Rikors Numru 85/15 hija kawża li saret taħt il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għal rimedju. Dan qed jingħad peress illi hu evidenti minn qari tar-Rikors promotur ta' dik il-kawża illi r-rikorrenti Mario Cachia et allegaw illi d-drittijiet tagħhom protetti taħt l-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kienu qed jiġu vjolati b'effett tat-tħaddim ta' diversi dispożizzjonijiet legali li jolqtu l-materja tat-tiġdid tal-kirjiet ta' fondi urbani, u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 4(1) għal rimedju konsistenti f'dikjarazzjoni ta' ksur ta' dawn id-drittijiet kif ukoll fil-likwidazzjoni u ħlas ta' danni in linea ta' kumpens għall-ksur. Dwar dan ma hemm ebda ekwivoku.

Għalhekk, ir-Reġistratur tal-Qorti u l-Avukat tal-Istat għandhom raġun fil-preġudizzjali li biha laqgħu għat-talba għar-ritassa tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali relattivament għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fuq l-appell interpost minn Mario Cachia et. Ir-Reġistratur tal-Qorti, meta ġie biex jintaxxa d-dritt għas-sentenza definittiva f'kawża li evidentement saret għal rimedju taħt il-Kapitolu 319, kien marbut japplika t-tariffa skont ir-regolament 15(b) u ma kellu ebda diskrezzjoni biex japplika t-tariffa skont ir-regolament 14.

Hu immaterjali illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kwindi wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, tabilħaqq kienu dwar deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt li għandha x'taqsam ma' valur determinabbli mill-proċess, għaliex evidentement, il-leġislatur ried illi f'każ ta' kawża għal rimedju taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tariffa applikabbli għall-intaxxar tad-drittijiet spettanti lill-avukat u lill-prokuratur legali, hija biss dik stipolata mir-regolament 15(b) tat-Tariffa E mingħajr ebda qies ta' xi valur li jista' jiġi determinat mill-proċess bħala l-valur marbut mad-deċiżjoni dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt.

Applikat dan għall-intaxxar tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali relattivament għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fuq ir-rikors tal-appell ta' Mario Cachia et, fis-somma ta' €400 u €133.33 rispettivament, hu indiskuss illi dawn id-drittijiet jinkwadraw sfiq fil-parametri tad-dritt stipolat mir-regolament 15(b), kompriż iż-żieda ta' terz minħabba dak li jipprovdi r-regolament 38 tat-Tariffa E[5].

In kwantu għall-intaxxar tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali relattivament għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fuq ir-rikors tal-appell ta' Supermarkets (1960) Limited, fis-somma ta' €200 u €66.67, dawn ukoll jirrientraw fil-parametri tad-dritt stipolat mir-regolament 15(b) tat-Tariffa E, komputat biż-żieda ta' terz minħabba dak li jipprovi r-regolament 38 tat-Tariffa E kif ukoll bl-applikazzjoni tar-regolamenti 28 sa 31 tal-istess Tariffa, billi l-appell kien ġie ċedut.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi fir-rigward ir-rikors tal-appell interpost mill-Avukat tal-Istat, fejn id-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali ġew intaxxati fis-somma ta' €320 u €106.47, dawn kellhom jiġu intaxxati fuq is-somma ta' €2,860,000 li ġie allegat kien l-ammont in disputa fil-kawża, għaliex ir-rikorsi tal-appell ġew miċħuda u ċeduti rispettivament. Il-Qorti ma taqbilx, sija għaliex minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi l-oġġett in kontestazzjoni kien jirrigwarda wkoll il-valur fuq is-suq tal-

[5] Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz.

fond mikri bħala liberu u frank. Kif diġa' stabbilit, il-meritu tal-azzjoni huwa r-rimedju mfittex mir-rikorrrenti Mario Cachia et għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom minħabba t-tiġdid sforzat tal-kirja tal-fond tagħhom u l-valur fuq is-suq ta' dak il-fond, diversament mill-valur lokatizzju tiegħu, ma jidhrix li kien il-punt ewlieni dibattut mill-Qorti tal-prim'istanza jew li kien in disputa. Huwa minnu illi l-perit tekniku ġudizzjarju, biex wasal għall-valur lokatizzju, kellu qabel xejn jistabbilixxi l-valur fuq is-suq tal-fond bħala liberu u frank, iżda dan ma jfissirx li l-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju kien id-determinazzjoni tal-valur tal-fond għaliex kif rajna, id-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi konsistenti fid-dikjarazzjoni dwar il-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti Mario Cachia et u d-danni materjali u morali mġarrba minħabba l-leżjoni, kellha x'taqsam mal-**valur lokatizzju** tal-fond u d-diskrepanza bejn dan il-valur kif stabbilit bit-tħaddim tal-liġijiet impunjati u l-valur lokatizzju tal-fond fis-suq.

Għandu jingħad ukoll, u fuq kollox, li ma jirriżultax illi l-Avukat tal-Istat u l-kumpannija Supermarkets (1960) Limited ikkontestaw il-valur fis-suq bħala liberu u frank tal-fond mikri kif stabbilit mill-perit tekniku ġudizzjarju, u ħadd minnhom ma ressaq prova dwar valuri alternattivi, anke għaliex, kif ħie appena stabbilit, id-deċiżjoni dwar il-qofol tal-kontestazzjoni ma kellha xejn x'taqsam mad-determinazzjoni tal-valur tal-fond fis-suq bħala liberu u frank.

F'kull każ, u kif diġa' stabbilit, ix-xorta tal-kawża, fejn ir-rikorrenti fittxew rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, fiha nnifisha teskludi l-intaxxar *ad valorem* tad-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali fil-kawża u r-Reġistratur kien marbut japplika t-tariffa taħt ir-regolament 15(b) tat-Tariffa E, kif fil-fatt għamel. Wara li qabblet it-tariffi kif intaxxati mat-tariffi taħt ir-regolamet 15(b), il-Qorti tqis illi l-intaxxar tad-drittijiet mir-Reġistratur fuq ir-rikors tal-appell tal-Avukat tal-Istat u fuq ir-rikors tal-appell ta' Supermarkets (1960) Limited hu pjenament konformi mat-tariffa stabbilita mir-regolament 15(b) biż-żieda taħt ir-regolament 38 tat-Tariffa E u fejn applikabbli, bit-tnaqqis taħt ir-regolamenti 28 sa 31 tat-Tariffa E.

Konformement ma' dan, għandu jingħad illi d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Jannar 2020, jidher li ġew intaxxati *ad valorem* erronjament. Iżda dan ma jibdel xejn mill-konklużjonijiet ġia' appena raġġunti u l-Qorti tqis illi peress li sejra tiċħad it-talba tar-rikorrenti odjerna għar-riforma tat-taxxa kif maħduma in kwantu għall-intaxxar tad-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjoni fuq it-tliet rikorsi tal-appell interposti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, m'hijiex sejra tordna l-intaxxar mill-ġdid tad-drittijiet likwidati għas-sentenza tad-29 ta' Jannar 2020 biex dawn jinħadmu bl-applikazzjoni tat-tariffa taħt ir-regolament 15(b) tat-Tariffa E, billi dan ma ġiex mitlub mir-rikorrenti fir-rikors u lanqas ma ġie sollevat xi aggravju jew preġudizzjali fir-rigward mill-intimat. Skont kif inhuwa assodat fil-liġi u fil-ġurisprudenza, il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi biss skont il-parametri tal-azzjoni kif stabbiliti mit-talbiet fir-rikors promotorju u bl-eċċezzjonijiet sollevati fir-risposta, u kull decizjoni illi teżawtora dawn il-parametri, għandha titqies li hija *extra petita*. Magħdud dan il-fatt illi id-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq it-tliet rikorsi tal-appell, ġew intaxxati separatament u bl-applikazzjoni tat-tariffa korretta u għalhekk, mhux il-każ illi bl-impunjazzjoni tad-drittijiet intaxxati fl-istadju tal-appell iridu jiġu impunjati neċessarjament ukoll id-drittijiet intaxxati in prim'istanza.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi kollha, qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti l-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil fir-rikors tagħhom tat-3 ta' Settembru 2020 għar-riforma tat-taxxa rilaxxata fl-istess data.**

**L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**